MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2003

Rikors Numru. 749/2002

**Fl-atti tal-Mandat ta' Zgumbrament Nru: 446/01, fl-ismijiet:**

**Perit Austin Attard Montalto pro et noe.**

**-vs-**

**Giuseppe Degiorgio.**

**Il-Qorti;**

Rat r-rikors mressaq fl-1 ta' Lulju, 2002, li fih r-rikorrent proprio et nomine ppremetta illi:

Il-Marixall tal-Qorti xi zmien ilu u cioe' fl-14 t' Awissu 2002 kien esegwixxa mandat biex jigu zgumbrati l-fondi f' Merchants Sreet, Valletta li kienu ga moghtija b' cens lil Joseph Degiorgio;

L-espenent kellu mikrija ghandu l-fond Nru: 41/1 Merchants Street, Valletta mikri ghandu kif jirrizulta mill-annessi dokumenti li qieghdin jigu hawn ezibiti, liema kija huwa kien ha minghand Joseph Degiorgio fl-1 ta’ Jannar, 1974;

Fil-konfront ta’ l-esponent ma ttiehed l-ebda sentenza li ordnat l-izgumbrament tieghu billi s-sentenza li giet ezegwita fl-atti tal-mandat fl-ismijiet prmessi ttiehdet konta l-eredi ta’ Joseph Degiorgio u l-esponent hawn rikorrent ma kienx accetta dik l-eredita u fil-konfront tieghu ma ttiehdet l-ebda sentenza;

Ghaldaqstant fil-konfront tiehu l-mandat ta’ zgumbrament gie ezegwit malament u abbusivament;

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgoba tordna li jigi rientegrat fil-pussess tal-appartament lilu mikri Nru: 41/1 Merchansts Street, Valletta u l-istess mandat ta’ zgumbrament jigi revokat ghall dak li jirrigward l-istess appartament.

Rat ir-risposta ta’ l-intimati Perit Austin Attard Montalto u ohrajn li permezz taghha esponew;

Illi dan ir-rikors fejn qed tintalab revoka ta’ manda ta’ zgumbrament li gia gie esegwit u <u>konsegwenti reintegrazjoni fil-pusses ta’ fond</u> huwa rritwali peress li tali talba ma’ tistax iisir b’ rikors.

Illi minghajr pregudizzju tal-premess ir-rikorrent kien parti fil-proceduri fejn inghatat is-sentenza ta’ zgumbrament u dehrulu li ma’ jintervjeniex biex jissalvagwardja il-pretensjoni tieghu.

Illi minghajr pregudizzju tal-premess id-dokument prezentat mar-rikors ghandu jigi sfilzat peress dan mhux proceduralment ammissibili f’ dawn il-proceduri.

Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjes.

Rat il-verbal tat-30 ta’ gunju, 2003 li permezz taghha l-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni tal-intimat.

Kif gia inghad l-intimati qed jeccepixxu l-irritwalita’ tar-rikors odjern li bih qed tintalab revoka ta’ mandat ta’ zgumbrament u konsegwentement reintegrazzjoni fil-pussess ta’ fond.

Il-Kapitolu 12 ta’ Ligijiet ta’ Malta fl-Artikolu 161 jispecifika li proceduri quddiem din il-Qorti isiru b’ citazzjoni; fis-subartikolu (2) tal-istess artikolu jghid pero’ li l-proceduri isiru b’ rikors fejn hekk hu stabbilit bil-Ligi.

Ir-rikorrent ma’ indika ebda artikolu fil-ligi li jistabilixxi dan. Fil-fatt, per ezempju, fejn il-Ligi (l-istess Kap.12) jittratta r-revoka ta’ mandati kawtelatorji fl-Artikolu 836 gie stabbiliti li tali procedura ghandha ssir permezz ta’ rikors.

Il-kaz in ezami pero’ mhux revoka ta’ mandat kawtelatorju izda revoka ta’ mandat esekuttiv li gie esegwit. Ghalhekk zgur li din il-procedura ma’ tapplikax ghalih. Una volta ma’ hemm ebda ligi illi tistabilixxi l-procedura ghal kaz odjern, kellha tintuza l-procedura tac-citazzjoni.

Il-Kapitolu 12 jindika ukoll fl-Artikolu 164 (2) illi ma hemmx nullita’ jekk tintuza l-procedura ta’ rikors minflok citazzjoni u anke taghti poter lill-Qorti biex tordna s-sostituzzjoni tal-atti in

kwistjoni, Madankollu is-Subartikolu (1) jaghmilha cara illi jekk proceduri li suppost isiru b' rikors u citazzjoni u isiru bi procedura ohra, dawk l-istess proceduri jkunu nulli. Jidher li fil-waqt li l-Ligi ghalqet ghajnejha ghall-uzu zbaljat ta' citazzjoni minflok rikors, ma' ghamlitx l-istess ghas-sitwazzjoni inversa.

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti **tilqa' l-ewwel eccezzjoni, tiddikjara irrit u null r-rikors promotur, u tillibera lill-intimati mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra r-rikorrent Degiorgio.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------